# IL-MADONNA MEQJUMA FIS-SANTWARJU TAGĦHA FIL-MELLIEĦA

Dun Mose` Debono

Il-qima mogħtija lill-Madonna meqjuma fis-Santwarju tagħha fil-Mellieħa, tmur lura għal mijiet ta' snin.

Fl-artiklu li kien kiteb fuq "**IL-MADONNA TAL-MELLIEĦA**" fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Papa San Ġwann Pawlu II lill-Madonna meqjuma fis-Santwarju tagħha tal-Mellieħa, nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, 1990, il-Mons.. Prof. Vincenz Borg, D.D., H.E.D., Arch. Ch. L., xebbah l-Ikona (ix-Xbieħa) tal-Madonna tal-Mellieħa mal-Ikona tal-Madonna ta' Jasna Gora tal-Polonja.

## Jasna Gora - Il-Mellieħa

Żjara ta' Papa **lis-Santwarju Venerabbli ta' Sidtna Marija tal-Mellieħa**, hija tassew okkażjoni eċċezzjonali fil-ġrajjiet ta' dan is-Santwarju Marjan. Iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II hija waħdanija minħabba ċirkustanzi partikulari marbuta mal-persuna tiegħu. Wild il-Polonja, l-Arċisqof ta' Krakovja, imrobbi fi nħawi mżejna mill-preżenza ta' Xbieħa oħra meqjuma ta' Marija -**il-Madonna ta' Ċestokova**- l-għaxqa tal-monasteru Pawlitan ta' Jasna Gora, il-preżenza tal-Qdusija Tiegħu fil-Mellieħa, iġġibilna quddiemna tifkiriet li jqarrbu kemxejn lejn xulxin fl-istorja u lix-xeħtiet tagħhom, il-Madonna Pollakka u dik Maltija.

Fil-mixja storika ta' dawn iż-żewġ xbihat Marjani, hemm waqtiet li minħabba fihom, wieħed jara rabta bejniethom. Il-bidu qadim tagħhom wassalhom biex it-tnejn ġew attribwiti lil San Luqa, kif ġara lil kull xbieħa antika tal-Verġni Marija. Fis-sena mbiegħda 1436, għadd ta' ħallelin għamlu ħerba mis-Santwarju ta' Jasna Gora, u l-kwadru tal-Madonna, ġarrab ħsarat irreparabbli, hekk, li sal-lum, uħud minnhom, għadhom jidhru. Mal-mitejn sena wara, fl-1614, grupp ta' Torok, wara li niżlu l-art fil-Bajja tal-Mellieħa, wettqu straġi fis-Santwarju tixbah lil dik ta'



Jasna Gora. Hawn ukoll ix-Xbieħa tal-Madonna ġarrbet ħsarat ġmielhom taħt il-qilla ta' dawk il-ħattafa klubin, hekk li sfiguraw ħafna x-Xbieħa ta' dil-Knisja mħaffra fil-blat. Imma jidher li dan l-attakk sagrilegu kompla saħħaħ il-qima tal-Maltin lejn il-Madonna tal-Mellieħa. Il-Gran Mastru ta' dik il-ħabta -Fra Alof de Wignacourt (1601-1622) innifsu- kull ġimgħa, kien imur iżur is-Santwarju.

Hemm relazzjoni oħra bejn dawn iż-żewġxbihat. It-tnejn huma antiki. Jista' jagħti l-każ li dik tal-Mellieħa hija eqdem minn seħbitha ta' Jasna Gora. Hu magħruf li l-Madonna ta' Ċestokova, x'aktarx li waslet f'Jasna Gora fl-1384. Xi kritiċi tal-arti jsostnu li din taf il-bidu tagħha lill-Iskola Taljana ta' Simone Martini. Dan hu daqsxejn diffiċli li tgħidu, għaliex dan il-kwadru tpitter mill-ġdid fl-1434.

Il-kronoloġija tal-Madonna tal-Mellieħa għadha suġġett ta' diskussjoni. Imma wieħed jittama li fi żmien mhux 'il bogħod, analiżi mirquma ta' dan il-kwadru tista' tgħin biex wieħed isib tarf ta' din il-problema.

## 1636 - Żjara importanti fis-Santwarju

Barra dan li semmejt s'issa, li bih wieħed jista' jara rabtiet bejn din il-Madonna tal-Mellieħa u dik tal-Polonja, iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'dan is-Santwarju, tfakkarna wkoll fi żjara oħra minn predeċessur tal-Papa, waqt li dan kien jgħix Malta bħala r-Rappreżentant tas-Santa Sede fi gżiritna (1634-1639). Ġie jżur is-Santwarju bħala pellegrin devot. Dan kien Mons.. Isqof Fabio Chigi, li wara sar Papa, bl-isem ta' Alessandru VII (1655-1667).

Qabel il-Karnival tal-1636, ra kif għamel biex ma jmurx il-Belt Valletta f'dawk il-ġranet. Ried jaħrab milli jkollu joqgħod jara l-ħajja ddissipata li kien ra s-sena ta' qabel meta aċċetta, bħalma kien isir is-soltu, l-istedina tal-Gran Mastru, biex imur il-Belt f'dawk il-jiem. Din id-darba, ħaseb u ra, li jmur jagħmel dawra ma' Malta, l-ewwel darba li rnexxielu jagħmel dawra bħal din.



Chigi telaq mill-Birgu nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 1636. Dakinhar stess wasal ir-Rabat fejn baqa' sal-Ħadd ta' wara. Tul din il-vaganza fi żmien il-Karnival, irnexxielu jżur fost bnadijiet oħra ir-Rabat, l-Imdina, il-Buskett, il-Baħrija u Għajn il-Kbira. Il-Ħamis, 31 ta' Jannar, iddeċieda li jiddedika dak il-jum kollu biex imur iżur is-Santwarju tal-Mellieħa u l-imkejjen marbuta man-Nawfraġju ta' San Pawl, fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar. F'ittra tat-8 ta' Frar ta' dik is-sena, miktuba lill-Kavallier Agostino Chigi - kuġin ta' missieru u benefattur mill-aktar ġeneruż ta' Fabio Chigi nnifsu, hu ħalla tagħrif dettaljat ta' din id-dawra ta' Malta. Dwar il-Mellieħa ħallielna miktub dan li ġej li, barra t-tagħrif dwar is-Santwarju nnifsu, fih ukoll xi kummenti personali tiegħu:

*"Qabel ma sebaħ nhar il-Ħamis filgħodu, bgħatt dak li kien meħtieġ għall-pranzu lejn il-Madonna tal-Mellieħa, li tinsab xi seba' mili 'l bogħod, fl-ibgħad inħawi tal-gżira, f'xatt il-baħar li jħares lejn Għawdex u, bl-għajnuna ta' ħmir tajba, sa nofsinhar wasalt f'dik il-Knisja. Hawnhekk, wara li smajna quddiesa, kellna pranzu tajjeb f'għar kbir imħaffer fil-blat. Il-Gran Mastru Wignacourt kien, kull ġimgħa, jippranza f'dan l-għar meta jiġi jżur din il-Madonna l-aktar għażiża. Dik il-pittura tal-Madonna tinsab f'għar li qiegħed fl-istess blat. Dan jieħu d-dawl minn fetħa n-naħa tal-lemin tal-muntanja. Hi tassew qadima u ta' qima kbira - għalkemm l-inħawi li hija tinsab fihom huma ta' xeħta fqajra bħalma huma knejjes oħra bħal din imħaffrin fil-blat fi nħawi oħra ta' Malta. Hawn devozzjoni kbira lejha, għalkemm għandha dehra fqira u nieqsa - kemm mill-elemożina (min-nuqqas ta' donazzjonijiet) kif ukoll mill-ħwejjeġ. Uħud isostnu li din il-Knisja hi kkonsagrata billi fil-ġnub tagħha hemm impittra slaleb kbar bħal dawk ta' Ġerusalemm. Ir-Re Kattoliku għadu jġib sal-lum slaleb bħal dawn fuq il-muniti tiegħu biex jafferma d-dritt li għadu jsostni li għandu fuq ir-renju billi kien magħqud mar-Renju ta' Napli. Imma, fl-opinjoni tiegħi, jidhirli li hi immaġinazzjoni fiergħa, għax jiena sibt slaleb bħal dawn u eqdem fi knejjes oħra mħaffra taħt l-art. F'dawn il-każijiet, wieħed, allura, seta' jargumenta l-istess u jgħid li dawn il-knejjes kienu, huma wkoll, ikkonsagrati, imma ħadd qatt ma qal din il-ħaġa dwarhom. Barra minn hekk, ma hemm ebda xhieda illi xi darba ġew xi isqfijiet Malta għal ċerimonja bħal din. Xhieda bħal din mhux biss ma nstabitx Malta - fejn il-poplu jitkellem l-ilsien Barbaru (jiġifieri la kien jitkellem bi lsien Grieg u lanqas Ruman - kienu ta' ċivilta` oħra), li, għalkemm għadu jintuża f'forma mwiegħra (b'lingwa mħassra b'ħafna kliem barrani), imma la jużaw l-alfabett tiegħu, u anqas ma jiktbuh - u lanqas ma nsabet barra minn Malta, fejn għadek issib dokumenti tal-qedem miżmuma tajjeb".*

Dan it-tagħrif hu l-eqdem kitba li għandna s'issa b'dettalji interessanti dwar is-Santwarju tal-Mellieħa, miktuba minn bniedem prominenti li fiha wkoll hemm, tagħrif dwar tradizzjonijiet li fi żmienu kienu ġa popolari. Għalkemm Chigi dehirlu li mhux lakemm wieħed seta' jaċċetta dawn it-tradizzjonijiet, b'danakollu, iż-żjara tiegħu lis-Santwarju, fiha nnifisha, turi l-importanza li hu ta lil dan l-imkien qaddis. Biex ġie hawn, kellu jagħmel vjaġġ twil u kemxejn diffikultuż. Għal dan il-għan, iddedika jum sħiħ hawn mill-ħamsa li tulhom, wettaq l-ewwel mawra tiegħu fil-parti rurali ta' Malta.

## MILL-KTIEB: "L-ISTORJA TAL-MELLIEĦA DATI STORIĊI"

### TA' JIMMY MUSCAT (ĦANNIEQA KOTBA MELLEHIN: KUNSILL LOKALI MELLIEĦA)

### 1436

F'din is-sena, is-Santwarju tal-Mellieħa, kien imsemmi bħala Parroċċa fost l-ewwel 10 Parroċċi ta' Malta, fir-Rollo tas-Senatore De Mello (1431-1445) li kien min-Noto, Sqallija, b'renta ta' żewġ ewwieq. Miegħu kien hemm marbutin benefiċċju wieħed ta' Lu Haudh, b'renta ta' 15-il uqija, u żewġ legati: wieħed ta' Luca Bondin b'renta ta' uqija u 15-il tareni, u l-ieħor ta' Fra Bernard, b'renta ta' 15-il tareni, allura total ta' 19-il uqija fis-sena. F'dan ir-Rollo nsibu wkoll imsemmi l-Benefiċċju ta' Nicolao (San Niklaw) della Mellecha, b'renta ta' 10 tareni. Irridu nżidu hawn li s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, kien ilu sa minn ħafna snin qabel din id-data bħala Parroċċa. (Librerija Nazzjonali ta' Malta. Valletta: Mans. 721. ff.2r, 4r, 2v.)

### 1565

Nhar is-7 ta' Settembru, 1565, il-Viċire` ta' Sqallija Don Garcia De Toledo, ġab l-għajnuna l-kbira, probabilment ta' 10,000 ruħ, minn Sqallija, u din niżlet fil-Bajja tal-Mellieħa. Tant beżżgħet lit-Torok, li ġagħlithom jaħarbu u jtemmu l-Assedju l-Kbir. Aktar tard, Don Garcia, għamel żjara lill-Madonna tal-Mellieħa. (Fiteni L.Op.cit. p.134. Ferres A. Op.cit. p.523).

### 1575, 9 ta' Frar

Vista Pastorali ta' Mons.. Pietru Dusina. Fid-Distrett Parrokkjali, jissemmew 14-il kappella rurali, jew knejjes żgħar, imferrxa 'l hawn u 'l hemm, marbuta mal-Parroċċa tal-Mellieħa. Dawn huma: San Nikola tal-Mellieħa, it-Twelid tal-Madonna, San Pawl, San Ġorġ, il-Viżitazzjoni tal-B.V. Marija tal-Mosta, Sant' Andrija tal-Mosta, San Pawl Eremita, San Filippu, Santa Katerina, Santa Marija tal-Pwales, San Pawl Milqi, Santa Marija tas-Sebbieħ, oħra mibnija minn Don Ferdinando De Guivara tal-Birgu, u l-aħħar waħda mibnija fl-art ta' Thomas Xara.

### 1581, 9 ta' Mejju

Patri Awrelju Axiaq, Agostinjan, jitlob u jingħata permess mis-Superjuri tiegħu biex jitlob lill-Awtorita` Ekklesjastika ħalli tagħtih, għan-nom tal-Ordni tiegħu, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u biex jibni kunvent hemm. Patri Awrelju enfasizza li hu kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna u li s-Santwarju, li

kien parroċċa, kien bla kappillan, għax l-aħħar wieħed, Dun Ġużepp Ingomes, kien spiċċa fl-1575, jekk mhux ukoll qabel fl-1565. Dan kien fi żmien l-Isqof Fra. Tommaso Gargallo.

## 1587

Fil-Vista Pastorali tal-Isqof Tommaso Gargallo nsibu li x-Xbieha tal-Madonna kienet fi stat ħażin ħafna, u allura ordna li titpitter mill-ġdid. Din l-ordni ġiet obduta x'aktarx bejn Frar 1610 u Ġunju 1614, u x-Xbieha oriġinali tgħattiet għal kollox sal-1973, meta ġiet restawrata għall-oriġinal, kif narawha llum.

## 1618, 28 ta' Jannar, il-Hadd

It-Tieni Vista Pastorali tal-Isqof Mons.injur Baldassare Cagliares. Peress li l-Patrijiet Agostinjani kien għad kellhom xi drittijiet fuq is-Santwarju, l-Isqof Cagliares ordna lil Dun Ġwann Battista Chetcuti, li kien Rettur u Prokuratur tal-Kappella (is-Santwarju), ifittex liema drittijiet u liema artijiet kien għad baqgħalhom l-Agostinjani. F'din il-Vista Pastorali ġiet ippreżentata statwa tal-injam tal-Madonna bil-Bambin f'idha, għolja tlett ixbar, flimkien ma' żewġ kuruni tal-fidda għall-istess statwa ta' valur ta' madwar 6 skudi. Dawn kellhom fuqhom l-arma tal-istess Isqof. (38: Vista Pastorali Cagliares 1618. ff.7, 7v. Din l-istatwa, illum, tinsab fis-Sagristija ta' ġewwa tas-Santwarju).

## MILL-KTIEB: "IL-MADONNA TAL-MELLIEĦA" MELLIEĦA-MALTA

### TA' ĠANNI MIFSUD, INSIBU: IS-SANTWARJU JIĠI KKONSAGRAT B'SOLENNITA` KBIRA FIS-SENA 1747

L-Eċċellenza Tiegħu Mons.. Alpheran de Bussan, Arċisqof ta' Damjata u Isqof ta' Malta, jibqa' jissemma għaż-żelu tiegħu lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Fit-tieni u fit-tielet Vista Pastorali tiegħu fil-Mellieħa (fl-1736 u fl-1744), kull darba ordna li l-kwadru li kien hemm fuq l-artal maġġur u kien qiegħed jgħatti x-Xbieha (l-Ikona Oriġinali), jitneħħa għal ftit ħin, biex il-pittura oriġinali tal-Madonna bil-Bambin impittra fuq il-blat, titgawda mill-fidili. (Nota 109, turi li l-ewwel Vista Pastorali tal-Isqof Alpheran De Bussan lis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, saret fl-1728. F'nota 110, hemm: "Fl-1614, Tork qata' ras l-istatwa tal-Madonna li kienet fuq l-artal. Fl-1618, flok dik l-istatwa, tpoġġiet statwa oħra tal-Madonna, magħmula minn benefattur, u ftit snin wara, din tneħħiet ukoll, u tqiegħed il-kwadru msemmi hawn fuq).

## Prokuratur: Dun Lawrenz Mangion: l-1 ta' Mejju, 1811, 31 ta' Ottubru, 1819

F'paġna 52 naqraw: "F'Mejju tal-1813, filwaqt li fis-Santwarju kienu qegħdin isiru l-eżerċizzi spiritwali, f'Malta kollha ġiet iddikjarata l-marda li tittieħed tal-pesta. Għalhekk, l-eżerċizzi ma tkomplewx. Barra dan, ma nsibu l-ebda sinjal ta' ħajja fis-Santwarju sa Jannar tal-1814. (Il-marda tal-pesta bdiet nhar it-3 ta' Mejju, 1813, u spiċċat fid-29 ta' Jannar, 1814, meta ndaqqet mota ta' radd il-ħajr mill-knejjes kollha).

B'din il-pesta f'Malta, mietu 4,486 ruħ minn popolazzjoni ta' mitt elf.

Saru bosta wegħdi lill-Verġni tal-Mellieħa, u f'Mejju tal-1814, bħala radd il-ħajr sar pellegrinaġġ, fejn naqraw: "Mill-Belt Valletta ġiet proċessjoni bil-Verġni tas-Santissmu Rużarju; wegħda magħmula fl-okkażjoni tal-mard li jittieħed, li fiha ħadu sehem - barra l-Fratellanzi - anke l-Patrijiet Dumnikani, b'għadd kbir ta' nies minn Malta kollha, b'devozzjoni liema bħalha" (131: Arkivju fis-Santwarju: Libro A. Paġna 61).

## TIFKIRIET IMPREZZABBLI LILL-MADONNA TAL-MELLIEĦA MINN PAPIET

### Mill-Ktieb: L-Istorja tal-Mellieħa-Dati Storiċi" ta' Jimmy Muscat

## 1960

Il-Papa **Ġwanni XXIII** stieden lill-Isqfijiet **tas-Santwarji Marjani,** fosthom l-Arċisqof Mons.. Mikiel Gonzi, biex jikkonċelebraw miegħu





fi żmien il-Konċilju Vatikan it-Tieni. Il-Papa San Ġwanni XXIII għadd is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa bħala wieħed minn dawk "le piu` celebri di tutte le nazioni' jiġifieri bħala wieħed mis-Santwarji l-aktar magħrufin (fost il-ġnus kollha), qassam xemgħat artistiċi lill-isqfijiet preżenti.

L-Arċisqof Mons.. Mikiel Gonzi ġab dan ir-rigal tal-Papa u dendel dik ix-xemgħa fis-Santwarju, fejn għadha tidher sal-lum. (245, Bonnici Calì R. FMb. 1988. p.13).

### 1965, il-Ħadd, 14 ta' Marzu



L-Arċisqof Mons.. Mikiel Gonzi, ġie l-Mellieħa biex iwassal ix-xemgħa li l-Papa Pawlu VI bagħat speċifikament lis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, biex titqiegħed f'riġlejn il-Beata Verġni Marija, fis-Santwarju Marjan Tagħha. L-Arċisqof Gonzi kien qaddes mal-Papa fi tmiem it-tielet Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II, f'Novembru tal-1964, meta ngħata



din ix-xemgħa. Bħala rikonoxximent, intbagħat telegramm lill-Papa Pawlu VI, f'isem l-Arċisqof Gonzi, il-kleru u l-poplu Mellieħi. (249, L-Editur "Il-Mellieħa", Marzu, 1965. p.2).

L-Arċisqof Mons.. Mikiel Gonzi kien devot ħafna tal-Madonna meqjuma fis-Santwarju tagħha tal-Mellieħa, tant li kull darba li kien ikun sejjer lejn Għawdex, jew ġej minn Għawdex għal Malta, dejjem kien jgħaddi jinvista lill-Madonna fis-Santwarju tagħha. U niftakar li hu wkoll kien li xtaq ħafna li s-Santwarju tal-Madonna jkun imsebbaħ aktar minn kif kien qabel. Dan sar, kif narawh illum, fi żmien il-Parrokat tal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb: 1946-1967.

**L-Editur:**
**"Il-Fondazzjoni Kulturali "Il-Mellieħa":**

## Il-PAPA SAN ĠWANN PAWLU II, FIL-MELLIEĦA, NHAR IS-SIBT, 26 TA' MEJJU, 1990.

**Il-Papa Ġwanni Pawlu II,** wara li daħal fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, mar quddiem l-Artal Maġġur, qagħad għarkupptejh, talab għal ftit mumenti fis-skiet waħdu, b'rasu baxxuta, qam bilwieqfa u mar quddiem l-Ikona tal-Madonna jikkontemplaha, xegħel il-**luċerna** biex tibqa' mixgħula dejjem fuq l-istess artal bħala tifkira ħajja tal-viżta li għamel lill-Madonna fis-Santwarju tagħha. U bħala tifkira oħra tiegħu, ħalla wkoll lis-Santwarju tal-Madonna Kuruna tar-Rużarju, maħduma biż-żibeġ tal-madriperla msenslin f'katina tad-deheb.



Fid-diskors li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel minn fuq it-Tribuna, mibnija apposta għall-okkażjoni quddiem il-loġoġ fil-Bitħa tas-Santwarju, kien indirizza, qabel kulħadd: LILL-QRABA TAL-MISSJUNARJI MALTIN U GHAWDXIN, LI QEGHDIN IMXERRDIN F'ĦAFNA POSTIJIET FID-DINJA JWASSLU S-SALTNA TAS-SMEWWIET LILL-POPLI.

F'parti mid-diskors tiegħu, il-Papa qal: "**Hu tassew xieraq li aħna, hawn, miġburin flimkien, fit-talb, fil-Mellieħa - fl-eqdem Santwarju Marjan fil-Gżira ta' Malta... B'komunita` ta' fidi, tama u mħabba, il-familja għandha tkun, b'mod speċjali ħafna, post fejn jingħadda l-Evanġelu, u minn fejn l-Evanġelju jdawwal bir-raġġi tiegħu**".

Il-Papa Ġwanni Pawlu II għalaq id-diskors tiegħu billi qal: "**U f'għaqda ma' Marija, ejjew nitolbu lill-Mulej, iqajjem ħafna Missjunarji oħrajn biex jimxu warajhom fix-xogħol tat-tmexxija tal-ġnus kollha għall-għarfien tal-verita` (1 Timotju 2,4).**

Il-Papa għalaq id-diskors bil-Barka Tiegħu "**Lilkom ilkoll, tmur l-imħabba kbira tiegħi fil-Mulej, u l-Barka Appostolika Speċjali tiegħi**".

Kien żmien il-Parrokat tal-Kappillan Dun Alfred Camilleri: 1986-1994.



## IL-PAPA BENEDITTU XVI F'MALTA 17-18 TA' APRIL, 2010



**Il-Papa Emeritus Benedittu XVI,** meta ġie Malta, ma ġiex fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, imma xorta waħda ħallielna tifkira għażiża tal-miġja tiegħu f'Malta, billi ħallielna

### "TALBA GĦAŻIŻA DDEDIKATA LILL-MADONNA TAL-MELLIEĦA":

Omm Verġni tal-Mulej,
aħna nduru lejk bi mħabba
u devozzjoni ta' wlied.

Marija, l-aktar Qaddisa,
Fik ittamaw missirijietna, u inti ħlisthom.

Issa ningħaqdu mal-ħafna ġenerazzjonijiet
ta' rġiel u nisa Maltin li, matul is-sekli,
ġew lejn dan is-Santwarju,
mill-qrib u mill-bogħod.

Lilek, Verġni Marija,
aħna nippreżentaw it-tbatijiet tagħna,
l-ansjetajiet tagħna, u l-fallimenti tagħna.
Noffrulek ukoll, il-ferħat u s-suċċessi tagħna.
Nitolbuk biex tidħol għalina quddiem
il-Mulej fin-niket tagħna.
Aħna l-ulied maħbubin tiegħek.

Imqaddsa Verġni tal-Mellieħa,
urina t-triq lejn il-Mulej.
Aħna nqiegħdu l-fiduċja tagħna Fik.

Ħarisna fl-imħabba tiegħek,
mimlija attenzjoni.
Ixxotta d-dmugħ tagħna.
Idħol għalina, biex nagħtu xhieda llum.

Mexxi l-poplu ta' dawn il-Gżejjer,
ħares il-familji, u agħti l-kuraġġ liż-żgħażagħ biex
jiffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja,
b'qawwa Nisranija. Ammen.

***Mill-Vatikan, 16 ta' April, 2010.***
*(Iffirmata mill-Papa Benedittu XVI*

## IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-MELLIEHA MAGHDUD BHALA WIEHED MILL-AKTAR SANTWARJI POPOLARI FL-EWROPA


MATER MISERICORDIAE

The Gates of Dawn
The Church of St Theresa
The European Marian Network
- ALTÖTTING (Germany)
- BANNEAUX (Belgium)
- BREZJE (Slovenia)
- ŞUMULEU CIUC/CSIKSOMLYÓ (Roumania)
- CZĘSTOCHOWA (Poland)
- EINSIEDELN (Switzerland)
- FÁTIMA (Portugal)
- GIBRALTAR (Gibraltar)
- KNOCK (Ireland)
- LEVOČA (Slovakia)
- LORETO (Italy)
- LOURDES (France)
- MÁRIAPÓCS (Hungary)
- MARIAZELL (Austria)
- MARIJA BISTRICA (Croatia)
- MELLEHA (Malta)
- VILNIUS (Lithuania)
- WALSINGHAM (United Kingdom)
- ZARAGOZA (Spain)
- ЗАРВАНИЦЯ (Ukraine)

MELLEHA (Malta)

Our Lady of Mellieha

The Sanctuary originates from the tradition that Saint Luke, who accompanied St. Paul during his stay in Malta about the year 60 AD, painted an image of the Blessed Virgin Mary. The image the pilgrims venerate in the cave which is the centre of the Sanctuary dates from 12th or 13th century. The image was painted directly on the rock.

The inhabitants of Malta prayed to the Blessed Virgin of Mellieha each time the Island was threatened by the Corsairs or by the Turks as well as in times of drought.

Pope John-Paul II visited Mellieha as a pilgrim on 26th May 1990.

The Feast of the Sanctuary is kept on 8th September.

Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa, fl-2010, ġie onorat biex, għall-ewwel darba, jagħmel parti mill-Familja tal-20 Santwarju li huma l-aktar popolari u ffrekwentati fl-Ewropa. Din l-Għaqda tissejjaħ: "IL-KONFERENZA TAL-"EUROPEAN MARIAN NETWORK".

L-ewwel darba li d-Delegazzjoni Melleħija, f'isem is-Santwarju tal-MADONNA TAL-MELLIEHA, ħadet sehem f'Konferenza tal-EUROPEAN Marian NETWORK, kienet f'Ġibilta`, fl-2010; it-tieni darba kienet f'Walsingham fl-Ingilterra, fl-2011; it-tielet kienet f'Ruma, fl-2012; u r-raba' Konferenza Ewropea tas-Santwarji, saret fil-Mellieħa, bejn il-5 u t-8 ta' Novembru, 2013.

Wara dan it-tagħrif kollu fuq l-istima kbira li jgawdi s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, mhux biss mill-Melleħin, Maltin oħra u anke minn barranin, imissna, aħna l-Melleħin, inkabbru bil-bosta ħafna iktar id-devozzjoni u l-qima lejn il-Verġni Mqaddsa Marija, bit-talb tagħna, biex Hi, tinterċedi għalina quddiem Binha Ġesu`.